## TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 24 ta' April, 2017**

Kawza Numru: 462/2016JB

Numru: 45

**Go p.l.c. (C22334)**

***vs***

**Maria Katerina Boyd-Trevisan (K.I.: 263202L)**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar l-20 ta' Ottubru 2016 fejn is-Socjeta Attrici talbet li l-Konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' hames mija u tnax-il euro u sebgha u ghoxrin centezmu (€512.27) rapprezentanti provvista ta' servizzi ta' telekomunikazzjoni. Talbet ukoll l-ispejjez, inkluz dawk ta' ittra ufficcjali numru 1815/15, u l-imghax;

Ra li l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tal-21 ta' Novembru 2016 (a fol 7);

Ra li ghad li debitament notifikata bl-atti (a fol 18 *et seq*), il-Konvenuta naqset milli tipprezenta risposta fil-waqt li t-terminu preskritt mil-ligi ghal dan il-ghan iddekorra inutilment u lanqas ma deheret ghas-smigh;

Ra n-nota prezentata mis-Socjeta Attrici (a fol 22) fejn cediet is-sorte ghad li zammet ferm il-kap tal-ispejjez;

Sema' l-provi;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidra;

Illi l-Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap. 380) jipprovdi espressament fl-Art. 9(2)(a) li gudikatur "*għandu jiżgura li każ għandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata' sommarjament fl-istess jum tas-smigħ tiegħu u li dak is-smigħ ma jtulx iktar minn seduta waħda*". Tali dispozizzjoni naturalment mghandhiex tigi implimentata b'mod li taghti lok ghal ksur tad-dettami tal-gustizzja naturali;

Illi hu car li fil-kawza odjerna, is-Socjeta Attrici irnexxielha tipprova t-talba fil-waqt li l-Konvenuta ma ressqet ebda kontestazzjoni u ghalhekk jixraq li l-kap tal-ispejjez jigi deciz a favur tal-istess Socjeta Attrici;

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi, fil-waqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni tas-sorte stante li cedut, jilqa' t-talba attrici limitatament fejn jirrigwarda l-kap tal-ispejjez u konsegwentement jikkundanna lill-Konvenuta thallas l-ispejjez tal-kawza kif mitluba fl-Avviz.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Adrian Pace
*Deputat Reġistratur*